# IL-FIDWA TAL-ANARKIŻMU

MARK MONTEBELLO

EDIZZJONI E-BOOK
2014

# IL-FIDWA TAL-ANARKIŻMU

MARK MONTEBELLO

MALTA
2014

© Mark Montebello 2010

L-ewwel edizzjoni: 2010
Din l-edizzjoni e-book: 2014

Din il-kitba tista' tistampaha, tiffotokopjaha, turiha, tirrepetiha, tikkwotaha jew tużaha kemm trid, imbasta ssemmi b'mod espliċitu l-isem tagħha u tal-awtur. Imma ma tistax terġa' tippubblikaha, sħiħa, f'biċċiet jew xi parti minnha, fi kwalunkwe mod u manjiera, b'isem ieħor jew b'isem awtur differenti. Traduzzjonijiet ta' din il-kitba jistgħu jsiru biss bil-permess espliċitu tal-awtur.

L-awtur ikun grat għal kummenti u suġġerimenti marbuta ma' xi tema ta' din il-kitba: montebello@gmail.com

MARK MONTEBELLO huwa minn Tas-Sliema. Twieled fl-1964, u sar saċerdot fl-1989. Studja l-Filosofija f'Malta, l-Italja, Spanja u l-Ingilterra. Huwa awtur ta' diversi kotba u kitbiet ta' natura filosofija u kritika, u mħarreġ f'diversi inizzjattivi umanitarji. Akkademikament, jispeċjalizza fl-istorja u t-tradizzjoni tal-Filosofija fil-gżejjer Maltin, u fil-ħajja u l-ħsieb tar-rikormatur Manwel Dimech. Huwa wkoll il-ko-fundatur tal-fondazzjoni *Philosophy Sharing*, li tagħha bħalissa huwa ċ-Chairperson. Joqgħod il-Pietà.

L-awtur jinsab grat lejn il-Brażiljan Paulo Souza li, fis-sajf tal-2009, nebbħu bl-idea oriġinali ta' din il-kitba, u lejn Frei João Xerri O.P. għat-titjib tal-kitba. Versjonijiet oħra dehru fi *Knisja 2000* f'Ottubru/ Diċembru tal-2008 u fi *Żminijietna* f'Marzu tal-2010.

ISBN 978-99957-0-720-0

# IL-FIDWA TAL-ANARKIŻMU

## MARK MONTEBELLO

Ma tistax taħrab il-fatt li tkun parti minn xi istituzzjoni. Biss biss, il-biċċa l-kbira tagħna nitwieldu fi ħdan l-istituzzjoni tal-familja; u lkoll kemm aħna nitwieldu fi ħdan l-istituzzjoni statali. Dawn huma żewġ istituzzjonijiet bażiċi li magħhom f'ħajjitna jiżdiedu oħrajn, bħal istituzzjonijiet reliġjużi, soċjali, industrijali, kummerċjali, bankarji, politiċi u l-bqija. Dan ifisser li, neċessarjament, l-individwalità tieghek trid tikber u titwettaq fi ħdan il-limiti u l-possibbiltajiet li joffru d-diversi istituzzjonijiet li int membru tagħhom.

Barra minn hekk, inti neċessarjament trid tonġor jew issawwar l-individwalità personali

tiegħek skond il-fasla strutturali tal-istituzzjonijiet li int membru tagħhom. Fi kliem ieħor, il-libertà tiegħek hija xi ftit jew wisq limitata mill-qafas istituzzjonali li, tajjeb jew ħażin, għandek madwarek. Fil-fatt, kull qafas istituzzjonali — ibda mill-familja u spiċċa fl-istituzzjonijiet politiċi u ekonomiċi internazzjonali — joħolqu pressjonijiet konsiderevolment kbar fuq l-individwi f'għamla ta' dmirijiet sabiex dawn jiġu minġura u msawra skond il-valuri li huma jħaddnu u l-esiġenzi li għandhom ħalli jibqgħu jeżistu.

Dmir jeżisti għax hemm obligu; u l-obligu toħolqu l-eżistenza tagħna nnifisha fi ħdan fasliet istituzzjonali. Jien, int u kulħadd għandna dmirijiet, mhux biss taħt il-liġi pożittiva (il-liġi internazzjonali, il-Kostituzzjoni tal-Istat, il-kodiċijiet ċivili u kriminali, id-Dritt Kanoniku, ir-regola reliġjuża u l-bqija), imma wkoll taħt 'liġijiet' oħrajn (forsi fuq lat personali xi kultant aktar importanti mill-oħrajn). Fost dawn tal-aħħar, insemmi, ngħidu aħna, il-'liġi' tal-imħabba; jew anki, fuq livell aktar bażiku, il-'liġi' tal-ġustizza naturali u l-'liġi' tal-etika

komuni. Xi kultant dawn l-obligi jkunu jew isiru oppressivi, fis-sens li jgħattnu l-libertajiet individwali, tagħna jew ta' ħaddieħor, aktar milli jkun imisshom. F'każijiet bħal dawn, id-*dmir* tagħna ma jibqax aktar li noqogħdu għalihom, imma li fil-fatt nopponuhom.

F'din il-kitba, huwa dan l-aspett li se nistħarreġ l-aktar, speċifikament dak li nsejjaħlu 'anarkiżmu fakultattiv'. M'inix se nittratta l-anarkiżmu fih innfisu jew x'soluzzjoni jista' joffri b'mod ħolistiku għas-soċjetà tagħna jew għad-dinja, jew ukoll x'relazzjoni jista' jkun hemm bejn l-'anarkiżmu fakultattiv' u l-'altern-attiva anarkista'. Il-ħsieb ġenerali tiegħi hu li noffri gwida lil min, *mingħajr* ma jħaddan l-alternattiva anarkista fl-implikazzjonijiet kollha tagħha, u *filwaqt* li jibqa' jgħix u jiffunzjona fl-ambjent soċjali tiegħu, jgħix u jipprattika tip ta' anarkiżmu limitat li jagħtih ftit aktar nifs milli għandu bħalissa u wkoll ftit spazju akbar sabiex jgħix ħajja isbaħ.

# GĦAMLIET TA' ANARKIŻMU

L-anarkiżmu jiġi mifhum b'bosta għamliet. L-aktar, tlieta. L-għamla l-aktar komuni ta' kif jinftiehem hija bħala stat ta' diżordni soċjali b'ħafna għajjat u storbju fit-toroq. Bħal dak, ngħidu aħna, li seħħ fl-Amerika u l-Kanada fl-1992. Għalkemm dawn l-Istati ma nassoċċjawhomx ma' xi diżordni anarkiku (u xi wħud minna jżommu li huma l-aktar pajjiżi ċivilizzati tad-dinja), għal sitt ijiem sħaħ il-forzi tal-ordni ma setgħux isibu tarf l-eluf ta' nies f'Los Angeles u f'inħawi oħra tal-Amerika u l-Kanada — kemm bojod u kemm Afro-Amerikani — waqt li għamlu diżastru sħiħ. L-anarkiżmu rriżulta wara li, fid-29 ta' April ta' dik is-sena, ġurija ħelset minn kull akkuża erba' pulizija li

kienu sawtu bl-aħrax u qatlu lil wieħed imsejken jismu Rodney King, ex-priġunier Afro-Amerikan, li kienu arrestawh wara li tahom ġirja sew bil-mutur li kien qed isuq. Xi ħadd kien anki ġibed filmat tal-pulizija (li kienu mill-anqas ħdax) waqt li kkommettew dan id-delitt.[1] Il-protestanti fit-toroq kissru u farrku kulma ġie għal idejhom, serqu kemm felħu mill-ħwienet li sgassaw, ħarqu kulma dehrilhom, u attakkaw u saħansitra qatlu nies li ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' dak li kien seħħ. F'sitt ijiem, mietu mal-ħamsa u tletin ruħ u ndarbu eluf oħrajn, u l-ħsarat laħqu 'l fuq minn biljun dollaru Amerikan. Dan hu eżempju tajjeb tal-ewwel għamla ta' kif jiġi mifhum l-anarkiżmu.

Għamla oħra hija bħala stat soċjali li fih ma jkollokx gvern effettiv, imma kulħadd ifendi għal rasu. Dan ma jimplikax diżordni, għajjat u storbju bħal dak li semmejna, b'nies jiġru fit-toroq, jiġġieldu kontra l-forzi tal-ordni u

[1] Il-filmat tal-waħx għadek tista' tarah fuq: https://www.youtube.com/watch?v=4OauOPTwbqk (ATTENZJONI: HUWA GRAFIKAMENT XOKKANTI ĦAFNA)

jipprotestaw b'mod xi ftit jew wisq vjolenti. Huwa għamla ta' anarkiżmu 'kwiet', jekk trid, u ġieli jissejjaħ 'mutwalista' (għax joħloq rabta mutwa bejn in-nies b'mod spontanju). Hu assoċjat l-aktar ma' Proudhon. Bħal din l-għamla ta' anarkiżmu kien hemm, ngħidu aħna, l-Albanija madwar l-1998. Wara l-irvellijiet tal-1997, li damu sejrin aktar minn xahar u li seħħew minħabba li uffiċjali tal-gvern kienu webblu madwar tliet kwarti tal-Albaniżi biex jinvestu fi skemi u mbagħad serqulhom kollox, laħaq gvern ġdid li ma rnexxilux jistabbilizza l-ekonomija. Għaldaqstant, l-Albaniżi, naturalment, ħasbu għal rashom u — bil-forzi tal-ordni fi stat tal-biki u bil-korruzzjoni mifruxa ma' kullimkien — kulħadd sar il-gvern tiegħu stess. Li kieku kont iżżur l-Albanija madwar l-1998, kollox kien jidher seren u kalm, imma fil-fatt, meta tgħarrex ftit, tintebaħ li gvern effettiv ma kienx jeżisti, jew kien dgħajjef ħafna, u kulħadd kien qiegħed ifendi għal rasu mill-aħjar li jista'. Dan, jidhirli, hu eżempju tajjeb tat-tieni għamla ta' kif jiġi mifhum l-anarkiżmu.

Għamla oħra ta' anarkiżmu, fuq livell aktar

filosofiku, hija dik mifhuma bħala twemmin li, teoretikament u xi kultant prattikament, ma jaċċetta ebda tmexxija jew awtorità leġittima governernali jew statali. Hemm żewġ xejriet ewlenin ta' din l-għamla: dik imsejħa 'Anarkiżmu Individwali' u l-oħra 'Anarkiżmu Soċjali'. Tal-ewwel, hija assoċjata l-aktar ma' Godwin fl-Ingilterra u, b'mod aktar estrem, ma' Stirner fil-Ġermanja. L-anarkisti individwali jisħqu fuq dik li tissejjaħ il-'libertà negattiva', u jopponu kull kontroll istituzzjonali fuq l-individwu. It-tieni xejra, jiġifieri l-'Anarkiżmu Soċjali', hija assoċjata l-aktar ma' Bakunin fir-Russja u Johann Most fl-Amerika. L-anarkisti soċjali jisħqu l-aktar fuq dik li tissejjaħ il-'libertà pożittiva', u jopponu kull tfixkil istituzzjonali fit-twettiq tal-ħtiġijiet naturali tal-individwi. Wieħed mill-aktar magħrufa llum f'din ix-xejra ta' ħsieb aktarx huwa l-filosfu John Zerzan fl-Amerika, li jispira ruħu miċ-ċivilazzjonijiet primittivi.

Meta l-filosfi jsemmu l-anarkiżmu mingħajr kwalifika (bħal, ngħidu aħna, Platun, Spinoza, Bentham u MacIntyre), il-kelma 'anarkija'

ġeneralment tirreferi għall-ewwel għamla li semmejt hawnfuq. Huma ftit (bħal, ngħidu aħna, Sartre u Nozick) li jitħaddtu dwarha fis-sens tat-tieni għamla.

Minkejja dawn it-tliet definizzjonijiet komuni u ġenerali ta' anarkiżmu, jien ma nifhem l-anarkiżmu f'ebda għamla minn dawn. L-anarkiżmu li se nitħaddet dwaru hawntaħt nista' nsejjaħlu 'fakultattiv', kif se nfisser, u jirrelata ma' attitudni personali u intima fuq livell individwali.

# L-OSSESSJONI BIL-KONFORMITÀ

Sabiex nibda, xtaqt insemmilek id-diska *The Logical Song*. Ma nafx jekk qattx smajtha. Kien ħariġha l-grupp Supertramp fl-1979 fl-album *Breakfast in America*.[2] Biċċa mill-lirika tagħha, miktuba minn Roger Hodgson, li kien ukoll il-kantant tad-diska, kienet tgħid hekk:

> *But then they send me away to teach me how to be sensible, logical, oh responsible, practical.*

---

[2] Id-diska tista' tismagħha fuq: https://www.youtube.com/watch?v=OQfjIw3mivc

*And they showed me a world where I could be so dependable, oh clinical, oh intellectual, cynical.*

[…]

*Now watch what you say or they'll be calling you a radical, a liberal, oh fanatical, criminal.*

*Won't you sign up your name? We'd like to feel you're acceptable, respectable, oh presentable, a vegetable!*[3]

Il-kliem ta' din id-diska popolari jista' jindika xi ftit jew wisq dak li rrid ngħid bl-ossessjoni għall-konformità li l-biċċa l-kbira minna aktarx jiltaqgħu magħha kmieni fil-ħajja u jibqgħu jiltaqgħu magħha hekk kif jikbru.

---

3 Jiġifieri: *Imbagħad bagħtuni biex jgħallmuni kif inkun sensibbli, / loġiku, responsabbli, prattiku. / U wrewni dinja li fiha stajt inkun dipendibbli, / kliniku, intellettwali, ċiniku. // Issa ara x'tgħid għax inkella jibdew isejħulek radikali, / liberali, fanatiku, kriminali. / Jekk jogħġbok, niżżel ismek hawnhekk, għax irridu nkunu nafu li int / aċċettabbli, rispettabbli, preżentabbli, veġitali.*

Il-famuż Freud, fil-ktieb sabiħ tiegħu *Iċ-Ċiviltà u d-Diskontentizzi Tagħha* (1930), ifisser dik li baqgħet tissejjaħ l-'Era Moderna' taħt tliet aspetti differenti imma mhux distinti għal kollox minn xulxin: il-ġmiel, l-indafa u l-ordni. Taħt dawn it-tliet titli huwa stħarreġ kif l-'Era Moderna' (jew il-'Moderniżmu') ossessjonat ruħha bit-tneħħija ta' kulma jfixkel l-armonija u l-perfezzjoni formali tas-soċjetà (l-aspett tal-ġmiel), bit-tneħħija ta' kulma jħammeġ jew itabba' b'xi mod is-soċjetà (l-aspett tal-indafa), u bit-tneħħija tal-indiċiżjoni personali (l-aspett tal-ordni).

It-tliet aspetti lkoll jippuntaw lejn il-konformità privata u soċjali, li l-era hekk imsejħa 'Postmoderna' (jew il-'Postmoderniżmu') suppost warrbet. Fi kliem ieħor, kulmin ma joqgħodx għall-konformità jitqies ikrah, maħmuġ u diżordnat.

Bil-mod tagħha, id-diska ta' Hodgson titħaddet xi ftit jew wisq dwar dan. Jiġifieri fuq edukazzjoni li, minkejja l-mogħdija taż-żmien u l-bdil fil-valuri, baqgħet xorta waħda tisħaq fuq

il-valuri tal-'Era Moderna', jiġifieri edukazzjoni li baqgħet tisħaq fuq il-konformità tal-individwi ma' soċjetà li tfittex il-konsistenza tagħha fis-sottomissjoni sħiħa għall-kanonijiet ortodossi tagħha. Hija edukazzjoni li, kif tgħid id-diska, tibdel l-individwi f'nies sensibbli, loġiċi, responsabbli, prattiċi, dipendibbli, kliniċi, intellettwali, ċiniċi, aċċettabbli, rispettabbli u preżentabbli. U jekk dan ma jirnexxilhiex tagħmlu, tqis lill-istess individwi bħala radikali, liberali, fanatiċi u kriminali.

# IL-FISSAZZJONI BIL-FORMALIŻMU

Imsieħeb ma' din l-ossessjoni għall-konformiżmu hemm ukoll il-fissazzjoni bil-formaliżmu. Ħafna drabi, din il-fissazzjoni tfittex li twarrab l-ispontanjetà tal-individwi u tippretenti li lkoll inġibu ruħna b'mod preskritt. Il-formaliżmu jrid jipproġetta sens ta' ordni u ta' sbuħija li jiġu, mhux mill-espressjoni ħielsa u spontanja tal-personalitajiet, imma mill-qbil tagħhom ma' regolamenti espliċiti jew impliċiti ta' komportament riġidu u impersonali.

Din il-fissazzjoni turi ruħha f'kull aspett tal-aġir uman: fl-ilbies, fil-kliem, fit-tonalità tal-leħen, fil-kostruzzjoni tas-sentenzi li nużaw, fiċ-ċaqliq tal-ġisem, u l-bqija. Turi ruħha wkoll

**Thank You for previewing this eBook**

You can read the full version of this eBook in different formats:

- HTML (Free /Available to everyone)
- PDF / TXT (Available to V.I.P. members. Free Standard members can access up to 5 PDF/TXT eBooks per month each month)
- Epub & Mobipocket (Exclusive to V.I.P. members)

To download this full book, simply select the format you desire below

Free-Ebooks.net